MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 46/2006

Pauline Spiteri
vs
Charles Pisani ghan-nom ta' G. Pisani Marketing Limited

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-31 ta' Ottubru 2006, li jghid hekk :

'Illi l-attrici kienet ilha mpjegata mas-socjeta' G Pisani Merketing Limited mis-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) ;

Illi fis-27 ta' Frar 2006, wara xi jiem *sick leave* hija giet impeduta milli tidhol ghax-xoghol mill-*employer* taghha permezz ta' telefonata, u dan minghajr ebda raguni valida u accettabbli skond il-ligi ;

Illi wara li l-istess rikorrenti kkuntattjat lid-dipartiment tal-ETC, hija giet infurmata illi fir-*records* taghhom kien hemm

dokumentat illi gie ddikjarat mis-socjeta' G Pisani Marketing Ltd., illi hija **rrizenjat** minn dan l-impjieg.

Illi ghalkemm avzat lill-*employer* taghha b'din id-dikjarazzjoni nveritiera, is-socjeta' intimata baqghet ma ghamlet xejn biex tikkoregi tali dikjarazzjoni.

Illi fil-verita' ir-rikorrenti kienet disposta illi tidhol u tkompli tidhol ghax-xoghol kif fil-fatt ipprovat taghmel, izda l-*employer* taghha assolutament ma riedx, minghajr ma ta ebda raguni valida fil-ligi.

Illi sa din id-data ir-rikorrenti kienet ilha tahdem ma' din is-socjeta' ghal tnax (12) –il sena konsekuttivi.

Illi dakinhar illi giet imkeccija mix-xoghol taghha ingustament u illegalment hija kienet intitolata ghal tnax (12) –il gimgha paga tan-*notice period* ai termini tal-artikolu 35(5)(e) tal-Employment and Industrial Relations Act.

Illi b'eferenza ghall-ahhar FS3 dan jammonta ghas-somma ta' seba' mitt lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm700.56), li sallum ghadha ma thallset l-ebda ammont minnhom, ghalkemm interpellat lill-employer taghha sabiex jaghmel dan permezz ta' l-ittra legali datata it-tnejn (2) ta' Marzu 2006.

Illi s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-attrici titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal joghgbu :

1. Jordna lis-socjeta' intimata thallas il-bilanc ta' seba' mitt lira u sitta u hamsin centezmu (Lm700.56) lir-rikorrenti, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribbli skond il-ligi ;
2. Jordna illi d-dikjarazzjoni li saret mis-socjeta' intimata mal-ETC biex tikkonforma mal-verita' fi zmien previst minnha.'

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fl-4 ta' Dicembru 2006, li tghid hekk :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt *stante* illi kienet hija stess illi telqet mill-post tax-xoghol taghha meta tat ir-rizenja taghha b'mod verbali lil Charles Pisani, kif jigi dettaljatament ippruvat fil-mori tal-kawza ;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-tieni talba kontenuta fl-Avviz ma tistax tintlaqa' stante li l-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija limitata biss ghal *money claim* ;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Fl-udjenza tal-24 ta' Frar 2009, giet sollevata eccezzjoni ulterjuri mis-socjeta' konvenuta dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal stante li huwa t-Tribunal Industrijali li huwa kompetenti li jisma' u jiddeciedi dwar it-talbiet attrici.

Fl-udjenza tas-7 ta' April 2009, sama' s-sottomissjonijiet tad-difensuri rispettivi tal-partijiet dwar din l-eccezzjoni tal-inkompetenza.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar iz-zewg eccezzjonijiet tal-inkompetenza sollevati mis-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidra :

Il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas ta' somma ta' seba' mitt liri Maltin u sitta u hamsin centesimi (Lm700.56), illum ekwivalenti ghal elf sitt mija u wiehed u tletin Euro u sitta u tmenin centesimi (€1631.86), li l-attrici tippretendi li ghandha tiehu minghand is-socjeta' konvenuta fi hlas ta' *notice money* wara li l-impjieg taghha ma' din il-kumpannija kien gie terminat minghajr ma nghatat l-avviz tat-terminazzjoni skond il-ligi, u lanqas ma giet imhallsa taz-zmien li fih hi kellha tibqa' tahdem sakemm jghaddi

wara li nghatat l-avviz tat-terminazzjoni kif preskritt mill-ligi.

Fil-konfront tat-talbiet attrici s-socjeta’ konvenuta issollevat l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal ai termini tal-artikolu 3(2) tal-Kap.380, u dan permezz tat-tieni eccezzjoni tar-risposta taghha tal-4 ta’ Dicembru 2006, rigward it-tieni talba attrici, u l-eccezzjoni l-ohra li tqajmet ulterjorment fl-udjenza tal-24 ta’ Frar 2009, dwar l-ewwel talba attrici. Gialadarba nghatat l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni, din trid tigi kunsidrata l-ewwel, ghax jekk tintlaqa’ jkun inutili li tigi ttrattata l-eccezzjoni fil-meritu.

Dwar it-tieni talba tal-attrici, l-artikolu 3(2) tal-Kap.380 huwa car fis-sens li dan it-Tribunal ghandu gurisidzzjoni li jisma’ u jaqta’ ‘**biss**’ it-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont ta’ mhux izjed minn tliet elef erba’ mija u erbgha u disghin Euro (€3494). Certament li dak li qed jintalab li jiddeciedi dan it-Tribunal permezz tat-tieni talba attrici ma huwiex talba ta’ flus izda talba biex tigi ordnata korrezzjoni ta’ dikjarazzjoni li allegatament saret mis-socjeta’ konvenuta fil-formola tat-temm tal-impjieg li giet sottomessa lil Employment & Training Corporation, u ghalhekk huwa car li din it-talba tezorbita mill-kompetenza ta’ dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta’ konvenuta fir-risposta taghha tal-4 ta’ Dicembru 2006, qed tigi milqugha, u dan it-Tribunal qed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta’ din it-tieni talba bla pregudizzju ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attrici skond il-ligi *si et quatenus*.

Dwar l-eccezzjoni ulterjuri sollevata fl-udjenza tal-24 ta’ Frar 2009, dan it-Tribunal pero’ ma jaqbilx li l-ewwel talba attrici taqa’ barra mill-kompetenza tieghu, u li hija kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Inghad li l-funzjoni tat-Tribunal Industrijali hi biex tiddetermina kienx hemm tkeccija ingusta u f'kaz li hekk tiddetermina tordna li l-haddiem jerga' jinghata l-impjieg tieghu jew skond il-kaz jinghata kumpens li jigi determinat mill-istess Tribunal u li mhuwiex sindakabbli mill-Qorti tal-Appell *una volta* li t-Tribunal ikun deherlu li kienu jezistu ragunijiet bizzejjed

biex jillikwida l-kumpens fis-somma ffissata minnu [Prim'Awla, **Cyberton Limited vs Joseph Felica**, 01/04/2003 ; Prim'Awla, **Joseph Sammut vs Francis Vassallo noe**, 03/10/2002 ; Prim'Awla, **Joseph Micallef vs Stivala Distributors Ltd.**, 14/02/2001 ; Appell Sede Inferjuri, **Saviour Sammut vs Auto Sales Ltd.**, 19/10/2005 ; Appell Civili, **Michael Mallia noe vs Carmel Debono noe et**, 13/02/1997]. Fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet : **Joseph Sammut vs Francis Vassallo noe**, il-Qorti Civili Prim'Awla ziedet tghid li : 'Jekk l-impjegat qabel ma gie mkecci, kien intitolat ghal xi beneficcji li ma lahaqx ha, huwa xorta jibqa intitolat ghalihom u l-ordni ghall-hlas tista' tinghata biss mill-Qrati ordinarji u mhux mit-Tribunal Industrijali' [sottolinear ta' dan it-Tribunal]. Certament li l-hlas tan-*notice money* li qed titlob l-attrici minghand is-socjeta' konvenuta ghal dawk it-tnax –il gimgha li ppretendiet li kellha tibqa' tahdem skond il-ligi qabel ma ntemm l-impjieg taghha huwa fost 'il-beneficcji' li hija tista' tkun intitolata ghalihom skond il-provi li ghad iridu jingabru f'din il-kawza, u kompetenti li jisma' u jaqta' din it-talba huwa dan it-Tribunal u mhux it-Tribunal Industrijali.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mis-socjeta' konvenuta mhijiex sostenibbli, u konsegwentement qed tigi michuda.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------